# MARI'

## Ta' Ġużè' Ellul

TWIELDET f'razzett daqs naqra, 'l hemm mill-Imtaħleb, għodwa waħda, f'waqt li s-sriedek kienu fl-isbaħ tat-tiddin tagħhom u l-fniek ta' l-irdejjem kienu qed jaħsbu biex jitrekknu f'bejtiethom.

Għammduha u semmewha Marì.

Kienet ħelwa daqskemm hu ħelu l-għasel malti; kienet ċagħka mimlija ħajja; kienet warda għariba, isbaħ mill-isbaħ ward li jikber taħt iż-żgieg.

Kienet l-isbaħ xbieha tal-ħajja.

U aktar ma bdiet tikber iżjed bdiet tisbieħ sakemm, biex ingħid hekk, waslet fi żmien li fih ma setgħetx tisbieħ aktar.

Min qatt ma ra 'l Marì bil-qiegħda fuq ċint is-setaħ tar-razzett ta' missierha f'xi għodwa tar-rebbiegħa, tgħanni u titbissem, b'rasha mixħuta lura bħal waħda li qiegħda tifraħ bis-sebħ għaliex taf li f'dawl ix-xemx jidher isbaħ il-ġmiel tagħha, jista' jgħid li qatt ma ra dak li hu tabilħaqq ġmiel.

Iżda ma' ġmieiha li jisraq, Marì kienet għanja b'ħaġ'oħra li tisboq il-ġmiel.

Marì kienet tbigħ is-saħħa; u għaldaqstant kienet hienja daqskemm bniedma tista' tkun; u kienet hienja wkoll għaliex kienet għadha ma daqetx il-ħlewwa li ddardar il-qalb u teqred il-hena; il-ħlewwa li għad li hi l-oħla fost kollha, bosta drabi tħalli warajha l-aqwa mrar u toqtol kull hena.

U bħalma tafu intom, din hi l-ħlewwa ta' l-imħabba.

Marì kienet hienja għaliex kienet għadha ma ħabbet qatt; iżda... lejla waħda, waqt li flimkien ma' ħutha u ma' missierha kienet qiegħda tistrieħ fuq il-qiegħa wara jum xogħol bla ħniena, intebhet li għajnejn iż-żagħżugħ Toni—xriek magħhom—kienu qegħdin iħarsu lejn tagħha bla hedu.

Lil Toni kienet ilha x-xhur tafu. Toni kien ilu biċċa sewwa jaħdem ma' missierha; iżda—ħaġa tal-għaġeb—qabel dik il-lejla qatt kienet għadha ma ntebhet kemm kien ħelu wiċċ Toni li jaħdem magħhom.

U Toni li jaħdem magħhom kien ħelu tabilħaqq.

Kellu dsatax-il sena u par għajnejn ħallelin daqs ta' seqer, fomm ċkejken u par xofftejn jistiednu l-bews, ras xagħar nokkli isbaħ minn ta' tork u wiċċ imxarrab b'lewnet il-qamħa maltija.

Toni kien jisraq il-qlub b'ħarstu mingħajr ma kien ikun jaf; u f'din il-lejla, b'ħarsa waħda miksura, kien seraq għal kollox qalb is-sbejħa Marì.

* * *

Kienu ħelwin is-sigħat li Toni kien igħaddi qrib Marì qabel ma niesha ntebħu bl-imħabba ta' dawn iż-żewġ żgħażagħ.

Lejla waħda sajfija, ma' nżul ix-xemx, Toni sab ruħu waħdu ma' Marì qrib xifer ta' rdum, f'rokna moħbija minn blata daqs-hiex u mkenna minn ħarruba xiħa għakka.

Ħarsa ħelwa, għafsa ta' id, taħbit ta' qlub; u ħlief il-għasafar imgħaġġla u bla sabar biex ifittxu fejn sa jorqdu, ħadd aktar ma kien xhieda tal-bews sfieqi li rabat għal dejjem il-qlub imfawra ta' dawn iż-żewġ żgħażagħ— mimlija ħajja, mimlija hena, mimlija mħabba.

U bħal dil-lejla kien hemm oħrajn li għal Toni u għal Marì kienu Eden; Eden ta' hena li dan il-ħżuż biered ma jasal qatt biex ifisser sewwa l-ħlewwa tiegħu.

* * *

Iżda Toni kien wisq aktar fqajjar milli kienu nies Marì; u nies Marì kienu mkabbra bis-sħiħ bil-ġmiel u aktar b'isem diż-żagħżugħa, u allaħares min kien jiftaħ fommu u jgħid eqqel minn isimha.

U għaldaqstant hekk kif ilsien ta' wiżgħa taħt xbieha ta' mara, li kienet sabet dil-bejta ta' mħabba, wasslitilhom l-aħbar li Marì kienet bdiet biex titbellah, dawn sibru; dlonk bewġu minn magħhom lil Toni, u b'seba' għajnejn bdew jindukraw lil Marì bħalma qatt kienu ndukraw l-isbaħ wiċċ tar-raba' tagħhom.

Iżda tqarrqu. Il-ħallie! kien ħa miegħu l-egħżeż ħaġa li kellha Marì—il-hena tagħha—u minnha ma kienx ħalla għajr dell sabiex bih aktar jinki lil niesha u jurihom kemm kien għamilhielhom bl-ikrah.

Marì bdiet tiddellel u tidbiel. Aktar ma blanzun ikun sabiħ u jgħaxxaq, iżjed jidbiel ħin bla waqt meta jonqos l-ilma li jkun qed jisqi x-xitla li tkun qiegħda tagħtih il-ħajja.

U minn xħin Marì kienet ħabbet lil Toni, Toni kien sar għaliha l-ilma tal-ħajja.

Għodwa waħda tal-ħarifa, xi bdiewa li kienu niżlu jaħdmu f'xifer ta' rdum qrib blata daqshiex, ħdejn ħarruba xiħa għakka, sabu arma tan-nar u ċurniena.

Xi ħadd għaraf iċ-ċurniena. Kienet ta' Toni, dak li darba kien xriek ma' missier Marì.

Fettxew lil Toni u sejħulu kemm-il darba; iżda Toni ma weġibx. Wieħed mill-bdiewa xiref għal isfel u, fuq blata milħuqa u nofsha maħsula mill-ilma baħar, lemaħ ħaġa mixħuta gods bħallikieku sorra ħwejjeġ.

Kien ġisem Toni, imfarrak u mimli dmija.

* * *

Sena wara l-mewt ta' Toni xejn ma kien baqa' xi jfakkar lill-bdiewa ta' dawk l-inħawi f'din il-ġrajja, għajr żewġ qsari talward, mimlijin blanzuni midbiela hemm fuq is-setaħ ħiemed tar-razzett fejn darba kienet għexet u ħabbet is-sbejħa Marì.